# It-Tfal fil-Gwerra

## *Kif għexu t-tfal ta' Aleppo mill-2012 sal-2016.*

### Sekwenza ta' Stampi



















**Ai.** Osserva sewwa l-istampi.

**Aii.** Tkellem dwar dak li qed tara f'dawn ir-ritratti meħuda minn ġurnalisti dwar dak li jseħħ kuljum f'pajjiżi fejn hemm il-gwerra.

## B. Il-pjan għall-kitba tal-komponiment.

i. *Xi punti li jistgħu jiggwidawk fil-kitba tiegħek:*

- X'se tiddeskrivi?
- Lil min se tiddeskrivi?
- X'inhu l-messaġġ li trid twassal permezz tal-kitba tiegħek?

ii. *Il-Kitba:*

- Uża l-ħames sensi (x'qed tara, tisma', ixxomm, ittiegħem u tħoss) biex tiżviluppa l-kitba u tgħid dak li qed jolqtok l-aktar.
- Meta tħares lejn dawn l-istampi u tpoġġi lilek innifsek protagonist fihom, x'effett iħallu fuqek?
- X'dettalji tista' żżid biex tagħti stampa ħajja ta' dak li jseħħ ta' kuljum fil-ħajja ta' dawn it-tfal?

iii. *Xi vokabolarju li jista' jgħinek tiddeskrivi dak li qed iħossu t-tfal.*

jinħasdu, jibżgħu, mbikkma, mkexkxa, mriegħxa, jitwaħħxu, jistkerrhu, jistmerru, jieħdu qatgħa, jidħlu f'qoxrithom

iv. *Vokabolarju marbut mar-ritratti fis-sekwenza:*

| | | |
|---|---|---|
| 1. m'għandhomx mument ta' serħan il-moħħ,<br>taħt għajnejn missierhom,<br>ma jafdahomx minuta | 2. ajruplani tal-gwerra,<br>fuq ix-xwiek,<br>attakki mill-ajru,<br>tkarwit tas-sireni | 3. ħsejjes li jtarrxu,<br>tiġrif tal-bini,<br>l-art titheżżeż bl-ispużjoni,<br>irwejjaħ ta' trab u ħruq |
| 4. ħaddiema tas-salvataġġ,<br>tiftix qalb il-bini mġarraf,<br>tfal midruba | 5. maħsuda u mwerwra,<br>jibku u jolfqu waqt li jgħannqu lil xulxin | 6. qalbu maqsuma,<br>jibki t-telfa ta'...,<br>m'għandux min jieħu ħsiebu |

v. *It-tqassim tal-Komponiment:*

| |
|---|
| *L-Introduzzjoni:* Fil-qosor ikteb dwar it-tema tal-komponiment tiegħek. Aħseb dwar il-burdata u l-immaġni li trid twassal lill-qarrej. |
| *Il-Kontenut:* Il-paragrafi tal-kontenut iridu jwasslu lill-qarrej jimmaġina, jifhem u jħoss id-deskrizzjonijiet tiegħek. Għalhekk inti trid tgħinu jibni stampa sħiħa waqt li minnha jislet l-emozzjonijiet li dawn ix-xeni jridu jwasslu. It-tqassim tal-paragrafi tal-kontenut huma kruċjali biex jintlaħaq dan l-effett. Għalhekk kull paragrafu jrid jirrappreżenta xena/immaġni partikulari. |
| *Il-Konklużjoni:* Fil-konklużjoni tintroduċix informazzjoni u dettalji ġodda. F'dan il-paragrafu trid tenfasizza l-messaġġ li ppruvajt twassal tul kitbietek. (eż. it-tbatija tat-tfal fil-gwerra). |

## Ċ. Kotba dwar l-esperjenza tal-Maltin tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Aqra xi siltiet minn dawn il-kotba biex tieħu idea kif l-awturi jiddeskrivu l-esperjenza tal-gwerra.

- Dħaħen tal-Gwerra: Damma ta' tifkiriet, Laurence Mizzi, Klabb Kotba Maltin, 1975
- Ulied tal-Azzar, Vic Apap Sensiela Klabb Kotba Maltin, 2016
- Meta karbet is-sirena: Tifkiriet tal-Gwerra f'Għawdex, Charles Bezzina, 2003
- Bliet u rħula mġarrfin: Il-ħajja waqt il-qilla tal-gwerra 1940-1943, H Vella, Bieb Bieb Enterprises, 2000
- Taħt in-nar: Djarju tal-ewwel sena tal-gwerra, Ġużè Ellul Mercer, Klabb Kotba Maltin, 2012

## D. Kitba ta' Komponiment Deskrittiv - *It-tfal fil-gwerra.*

Ikteb komponiment deskrittiv biex turi kif qed jgħixu t-tfal f'artijiet fejn hemm il-gwerra.

## E. Eżerċizzji oħra tal-kitba bit-tema tal-gwerra.

1. Immaġina li inti ġurnalist, ikteb **rapport** għall-ġurnal/radju ta' dak li stajt tara kif wasalt post li kien għadu kif ġie attakkat mill-ajru.

2. Immaġina li inti tifel li qed tgħix f'Aleppo. Ikteb **messaġġ** indirizzat lill-mexxejja tad-dinja biex tispjegalhom it-tbatija li qed tgħaddu minnha ta' kuljum u biex tappellalhom jaħdmu għat-tmiem, kemm jista' jkun malajr ta' din il-gwerra.

3. Immaġina li inti voluntier li qed taħdem f'kamp tar-refuġjati, ikteb **djalogu** bejnek u bejn tifel Sirjan dwar l-esperjenza tiegħu tal-gwerra u dak li għadda minnu sakemm wasal f'dak il-kamp.

4. Immaġina li inti tabib li qed taħdem fi sptar f'Aleppo, ikteb **ittra** lil martek biex tiddeskrivilha kif inhi s-sitwazzjoni fl-inħawi u x-xogħol tiegħek fl-isptar.